# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 186/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jimmy (Gerolamo) Buhagiar**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Jimmy (Geralamo) Buhagiar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 345677M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-10 ta' Settembru, 2015 fil-hinijiet ta' bejn 16:30hrs u 19:30hrs u bejn il-11 u 12 ta' Settembru, 2015 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat (Kap 9 Artikolu 18) irrifjuta li jaghti access lil wild taht il-kustodja tieghu lil Charmaine Buhagiar hekk

kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbut bil-kuntratt minghajr raguni xierqa (Kap 9 Artikolu 338(II));

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' April, 2016 fejn il-Qorti li biha sabet lill-imsemmi appellant hati tal-imputazzjoni dedotta mill-prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jimmy (Gerolamo) Buhagiar, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' April, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tikkancella s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar l-4 ta' April, 2016, konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija, u fin-nuqqas, tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tvarjaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni, konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat :

1. Illi fl-udjenza tal-lum, l-appellant irtira l-ewwel aggravju u l-ewwel talba tieghu ghat-tahsir tas-sentenza appellata u ghalhekk jifdal biss t-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata li izda dwar ma hemm l-ebda aggravju u wisq anqas ragunijiet ghaliex din il-Qorti ghandha dvarja l-piena erogata mill-ewwel Qorti;

2. Din il-Qorti semghet lill-parte civile tixhed illi llum il-gurnata l-kwistjoni bejn il-partijiet, li kienet wahda komplessa hafna, hija rizolta b'ffirmar ta' kutnratt ta' separazzjoni u li l-access tal-minuri llum il-gurnata huwa wiehed regolari u seren;

3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, kif del resto jirrikonoxxi ukoll l-appellant, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(ll) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni tal-parte civile illi llum il-gurnata is-sitwazzjoni hija wahda serena;

4. Minkejja dan, u minkejja dak li ser isegwi, din il-Qorti tqis bhala gravi hafna sitwazzjon fejn wahda mill-partijiet tirrifjuta li taghti access ghall-minuri aktar u aktar meta dan l-access ossia n-nuqqas tieghu ikun abbinat ma' xi kwistjoni pekunari jew piki bejn il-partijiet. In-nuqqas ta' access johloq ansjeta kbira fuq il-partijiet kollha b'mod partikolari ghat-tfal u xejn anqas lil dan jew dik il-genitur li tkun fid-dlam dwar il-wild tieghu jew taghha;

5. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' gimgha detenzzjoni u minflok tikkundannah ghal-piena ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.